MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 1105/2010

**San Lucian Oil Company Limited (C 5387)**

**vs.**

**Bluewave Line Limited (C 44940)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mis-socjeta' attrici fit-28 ta' Ottubru, 2010, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi permezz ta' zewg kuntratti ta' bejgh ta' *bunkers* lill-bastiment MV FEHIM BAY datati rispettivament 23 ta' Marzu 2009 u 27 ta' Marzu 2009, li qed jigu annessi u mmarkati DOK A u DOK B, s-socjeta attrici ssuplixxiet lil dan il-bastiment hawn fuq imsemmi *duty free gasoil* versu hlas dovut ta' disat elef u tmin mija u tnax –il Dollaru

Amerikan u erba u sebghin centezmu (US$ 9,812.74) u disat elef, disa mija u tnejn u sebghin Dollaru Amerikan u hamsa u erbghin centezmu (US$ 9,972.45) rispettivament.

2. Illi s-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici ghas-somma ta' dsatax –il elf, seba mija u hamsa u tmenin Dollaru Amerikan u dsatax –il centezmu (US$ 19,785.19) ekwivalenti ghal erbatax –il elf seba mija u tmienja u tletin Ewro u hamsin centezmu (€14,738.50) rapprezentanti l-hlas tal-fornimenti tal- *bunkers* hawn fuq imsemmija bhala sorte, fimkien ukoll mal-hlas ta imghax dovut bir-rata ta' wiehed fil-mija (1%) fix-xahar fuq l-imsemmija somma sad-data tal-pagament effettiv. L-ammont totali inkluz l-imghaxijiet sat-30 ta' Settembru 2010 qed jigi pprezentat f-forma ta' *statement* anness u mmarkat DOK C.

3. Illi s-socjeta konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas dan l-ammont dovut u minkejja dan baqghet inadempjenti, u ghalhekk qed issir l-odjerna procedura.

4. Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu 167 tal- Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-fehma tas-socjeta attrici u tar-rapprezentant taghha, s-socjeta konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti.

Talbet ghar-ragunijiet hawn fuq premessi li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

a. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talbiet attrici bid-dispensa tas- smiegh tal-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

b. Tiddikjara lis-socjeta konvenuta responsabbli ghall-hlas ta' dsatax –il elf, seba mija u hamsa u tmenin Dollaru Amerikan u dsatax –il centezmu (US$ 19,785.19) ekwivalenti ghal erbatax –il elf seba mija u tmienja u tletin Ewro u hamsin centezmu (€14,738.50), rapprezentanti l-hlas tal-fornimenti ta' *bunkers* hawn fuq imsemmija,

flimkien ukoll mal-hlas ta’ imghax bir-rata ta’ wiehed fil-mija (1%) fix-xahar sad-data tal-pagament effettiv.

c. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta rikorrenti l-istess ammont ta’ dsatax –il elf, seba mija u hamsa u tmenin Dollaru Amerikan u dsataz –il centezmu (US$ 19,785.19) ekwivalenti ghal erbatax –il elf seba mija u tmienja u tletin Ewro u hamsin centezmu (€14,738.50), flimkien ukoll mal-hlas ta’ imghax bir-rata ta’ wiehed fil-mija (1%) fix-xahar sad-data tal-pagament effettiv.

Ghaldaqstant is-socjeta attrici umilment titlob lill-din il-Qorti joghgobha tordna lil rapprezentant tas-socjeta konvenuta sabiex jidher quddiemha fil-jum u fil-hin li lilu jigi moghti.

Bl-ispejjez kollha, u bl-imghax kontra s-socjeta konvenuta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni u bir-riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta attrici.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta’ attrici u d-dokumenti l-ohra;

Rat l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta tal-lum imsejjha tlett darbiet ma deheritx u ma deher hadd biex jirrapprezentaha;

Peress li, fic-cirkostanzi, t-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat jidhru gustifikati u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata illum stess bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici kif dedotti fir-rikors guramentat, u hekk tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta' erbatax –il elf seba mija u tmienja u tletin Ewro u hamsin centezmu (€14,738.50), flimkien ukoll mal-hlas ta’ imghax

bir-rata ta’ wiehed fil-mija (1%) fix-xahar sad-data tal-pagament effettiv; bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------